



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

Brussel, 27 ta' Novembru 2006

15839/06

PUBLIC 60

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TA' L-ATTI TAL-KUNSILL
OTTUBRU 2006

Dan id-dokument fih:

- fl-**Anness I**, sommarju ta' l-atti legiſlattivi defiſnittivi adottati mill-Kunsill f'Ottubru 2006. Dan hu akkumpanjat fl-**Anness II**, b'dikjarazzjonijiet fil-minuti li huma disponibbli għall-pubbliku. Is-sommarju jsemmi wkoll kwalunkwe vot kontra u astensjonijiet, spjegazzjonijiet tal-vot, kif ukoll ir-regoli tal-votazzjoni.
- fl-**Anness III**, lista ta' l-atti l-oħra¹ adottati mill-Kunsill f'Ottubru 2006, b'referenza, fejn ikun il-każ, għar-riżultati tal-votazzjoni, l-isjegazzjonijiet tal-vot u d-dikjarazzjonijiet li l-Kunsill iddeċieda li jagħmel pubbliċi.

Dan id-dokument huwa wkoll disponibbli permezz ta' l-Internet: <http://consilium.europa.eu>, ara taħt "Dokumenti", imbagħad "Sommarju ta' Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti msemmija fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-Reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill <http://register.consilium.europa.eu>.

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni defiſnittiva ta' atti legiſlattivi li huma awtentiċi. Estratti mill-minuti in kwistjoni jistgħu wkoll jinkisbu mid-Dipartiment tat-Trasparenza transparency@consilium.europa.eu.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'ambitu limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti permezz ta' ftehim internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

OTTUBRU 2006				
TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI JIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
L-2752 laqgħa tal-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fil-5 u s-6 ta' Ottubru 2006				
Deċiżjoni Kwadru dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku ta' ordnijiet ta' konfiska	14622/04 + COR 1 + COR 2 (lv) + COR 3 + COR 4 (hu) + COR 5 (nl) + COR 6 (da) + REV 1 (pt) + REV 1 COR 1 (pt) + REV 2 (de) + REV 2 COR 1 (de)	132/06, 133/06, 134/06, 135/06, 136/06	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' informazzjoni reċiproka dwar miżuri ta' l-Istati Membri fl-oqsma ta' l-asil u l-immigrazzjoni	12758/06 + COR 1 (el)		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

OTTUBRU 2006				
TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI JIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Anness 2, Skeda A, ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar ir-rekwiżiti ta' viża għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi u passaporti tas-servizz Indoneżjani	12853/06		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Direttiva tal-Kunsill dwar eżenzjonijiet mit-taxxa applikabbli għall-importazzjoni ta' kunsinni żgħar ta' merkanzija ta' natura mhux kummerċjali minn pajjiżi terzi (verżjoni kodifikata)	8447/06 + COR 1 (nl) + COR 2 (lt) + COR 3 (fi) + COR 4 (es)		Unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċjali għat-tkegħgiġ tat-trobbija tad-dud tal-ħarir (verżjoni kodifikata)	8448/06 + COR 1 (nl) + COR 2 (pt) + COR 3 (et) + COR 4 (lv) + COR 5 (lt) + COR 6 (hu) + COR 7 (pl) + COR 8 (sk) + COR 9 (sl)		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

OTTUBRU 2006				
TITOLI TA' ATTI LEĠISLATIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI JIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera fil-fruntieri esterni fuq l-art ta' l-Istati Membri u li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen	PE-CONS 3607/06 + REV 1 (pl)		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
L-2754 laqgħa tal-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) fit-12 ta' Ottubru 2006				
Regolament tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għal ċerti kwoti ta' importazzjoni ta' ċanga ta' kwalità għolja	13096/06 + COR 1 (fi)		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi t-tieni programm “Marco Polo” għall-għoti ta' kontribut finanzjarju Komunitarju bl-iskop li jittejbu l-prestazzjonijiet ambjentali tas-sistema tat-trasport tal-merkanzija (“Marco Polo II”), u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1382/2003	PE-CONS 3620/06 + COR 1 (de) + COR 2 (nl) + COR 3 (cs) + REV 1 (lv) + REV 2 (lt) + REV 3 (mt)		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

OTTUBRU 2006				
TITOLI TA' ATTI LEĠISLATIVI DEFINITTIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI JIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-innovazzjoni u l-kompetittività (2007-2013)	PE-CONS 3622/06 + COR 1 (fr) + COR 2 (fr) + COR 3 (lv) + REV 1 (lt) + REV 2 (es) + REV 3 (cs)	137/06, 138/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra ma' l-ikel	PE-CONS 3617/06 + COR 1 + REV 1 (lt) + REV 1 COR 1 (lt) + REV 2 (pl) + REV 2 COR 1 (pl) + REV 3 (fr) + REV 4 (lv) + REV 5 (et) + REV 6 (de)	139/06, 140/06, 141/06, 142/06, 143/06, 144/06, 145/06, 146/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief Kontra: Id-Danimarka
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel	PE-CONS 3616/5/06 REV 5 + COR 1 (fi) + COR 2 (da) + COR 3 (sv) + REV 6 (et) + REV 7 (nl) + REV 8 (lt)	147/06, 148/06, 149/06, 150/06, 151/06, 152/06, 153/06, 154/06, 155/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief Kontra: Id-Danimarka, l-Isvezja Astensjoni: L-Irlanda, l-Olanda

OTTUBRU 2006				
TITOLI TA' ATTI LEĠISLATIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI JIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
L-2755 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) fis-16 u s-17 ta' Ottubru 2006				
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija	PE-CONS 3633/06 + COR 1 + COR 2 (es) + COR 3 (hu) + COR 4 (et) + COR 5 (de)	156/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
L-2757 Kunsill ta' l-Ambjent fit-23 ta' Ottubru 2006				
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 82/714/KEE	PE-CONS 3629/06	157/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prodotti mediċinali għall-użu pedjatriku u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1768/92, id-Direttiva 2001/20/KE, id-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004	PE-CONS 3623/06 + COR 1 (sv) + COR 2 (fi) + COR 3 (cs) + REV 1 (lv) + REV 2 (hu) + REV 3 (mt) + REV 4 (hu) + REV 5 (hu)	158/06, 159/06, 160/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

OTTUBRU 2006				
TITOLI TA' ATTI LEĠISLATTIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI JIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3922/91 tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' regoli tekniċi u ta' proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili	PE-CONS 3632/06 + COR 1 (fi)		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħliet Astensjoni: L-Isvezja
L-2758 laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) fl-24 u l-25 ta' Ottubru 2006				
Adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1907/90, fir-rigward tad-deroga prevista għall-ħasil tal-bajd	13515/06		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
- Direttiva tal-Kunsill dwar il-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali għal annimali ta' l-akkwakultura u prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi - Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 90/424/KEE dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju	11870/06 + COR 1 + COR 2 (fi)	161/06, 162/06, 163/06	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
	11871/06		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

OTTUBRU 2006				
TITOLI TA' ATTI LEĠISLATIVI DEFINITIVI	TESTI ADOTTATI	DIKJARAZZJONI JIET	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1207/2001 fir-rigward tal-konsegwenzi ta' l-introduzzjoni tas-sistema ta' akkumulazzjoni ta' oriġini pan-Ewro-Mediterranja	11463/06 + COR 2 (i) + COR 3 (el) + COR 4 (pt) + COR 5 (mt) + REV 1 (nl) + REV 1 COR 1 (nl) + REV 2 (sl) + REV 3 (de) + REV 4 (cs)		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 51/2006 fir-rigward ta' dispożizzjonijiet dwar bastimenti li jwettqu sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat fl-Atlantiku tal-Grigal	13729/06		Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

DIKJARAZZJONI 132/06**Dikjarazzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-premessa 15**

"Għandha tingħata konsiderazzjoni għall-introduzzjoni possibbli ta' strument addizzjonali li jittratta r-ritorn ta' proprjetà lis-sid leġittimu tagħha."

DIKJARAZZJONI 133/06**Dikjarazzjoni tal-Kunsill**

"Il-Kunsill jiddikjara li fost daww il-prinċipji legali fundamentali li huma msemmija f'din id-Deċiżjoni Kwadru preżenti hemm prinċipji relatati mad-demokrazija, il-legalità, l-ugwaljanza, il-libertà tal-ħsieb, tal-kelma u ta' l-espressjoni, il-libertà ta' l-istampa u l-libertà ta' assemblea u assoċjazzjoni."

Dikjarazzjoni tal-Kunsill

"Id-definizzjoni ta' l-Artikolu 2(h) tiżgura li r-raġuni għal rifjut fl-Artikolu 8(2)(f) ma tistax tfixkel ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' konfiska fil-każ li l-proċedimenti kriminali li jwasslu għal ordni ta' konfiska jinvolvu kemm ir-reat affermat imwettaq fl-Istat emittenti kif ukoll il-*money laundering* sussegwenti li seta' seħħ fit-territorju ta' l-Istat ta' eżekuzzjoni jew x'imkien ieħor barra mill-Istat emittenti. Billi jiġi preskritt li f'tali każijiet il-post tar-reat affermat huwa determinanti għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' l-ordni ta' konfiska, l-għan ta' din id-Deċiżjoni Kwadru hija milħuqa mingħajr ma jiġi affettwat il-prinċipju ta' territorjalità."

DIKJARAZZJONI 135/06

Dikjarazzjoni ta' l-Awstrija skond l-Artikolu 7(5):

"Skond l-Artikolu 7(5), l-Awstrija tiddikjara li l-awtoritajiet kompetenti tagħha m'humiex ser jirrikonoxxu u jeżegwixxu ordnijiet ta' konfiska taħt ċirkostanzi fejn il-konfiska tal-proprjetà ġiet ordnata bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet relatati mas-setgħat estiżi ta' konfiska msemmija fl-Artikolu 2 (d)(iv)."

DIKJARAZZJONI 136/06

Dikjarazzjoni ta' l-Awstrija skond l-Artikolu 19(2):

"Skond l-Artikolu 19(2), l-Awstrija tiddikjara li hi ser taċċetta, abbażi tar-reċiproċità, iċ-ċertifikati mfassla fi jew akkumpanjati minn traduzzjoni f'lingwa uffiċjali oħra ta' l-Istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej barra l-lingwa Ġermaniża, taħt il-kondizzjoni li l-Istat Membru emittenti jaċċetta ċertifikati mfassla fi jew akkumpanjati minn traduzzjoni bil-Ġermaniż meta jaġixxi bħala Stat Membru ta' esekuzzjoni."

DIKJARAZZJONI 137/06

Dikjarazzjoni tad-delegazzjoni tar-Renju Unit dwar l-Artikoli 27, 28 u 29

"Ir-Renju Unit jifhem li l-parti tal-programm li tappoġġa l-politika dwar it-TIK hija waħda mill-inizjattivi li għandhom jikkontribwixxu sabiex jinkisbu l-oġettivi ta' l-Istrateġija i2010. Ir-Renju Unit jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibni fuq it-tagħlim meħud mill-programmi eContent, eTen u MODINIS. F'dan il-kuntest, ir-Renju Unit mhux konvint li proġetti taħt eTen urew il-valur tagħhom u jippreferi li l-oġettivi f'dan il-qasam jitmexxew 'il quddiem permezz ta' miżuri oħra, bħal azzjonijiet ta' l-aħjar prattika u netwerks tematiċi (kif attwalment iffinanzjati permezz tal-programm MODINIS), li ma jeħtieġux livell daqstant għoli ta' finanzjament. Madankollu, ir-Renju Unit jifhem li taħt il-Programm Kwadru għall-kompetittività u l-innovazzjoni, l-azzjonijiet tat-TIK ser jitmexxew 'il quddiem b'mod differenti milli taħt programmi eżistenti."

DIKJARAZZJONI 138/06

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni ta' l-Awtorità Leġislattiva għall-ħtieġa li, sa mhux aktar tard mill-pubblikazzjoni finali fil-ĠU, l-allokazzjoni finanzjarja msemmija fl-istrument bażiku tkun espressa bil-prezzijiet attwali. Dan jikkorrispondi għall-prattika normali baġitarja u jippermetti li jiġi żgurat b'mod l-aktar ċar ir-rispett tad-deċiżjoni ta' l-Awtorità Leġislattiva. Għall-Programm għall-Innovazzjoni u l-Kompetittività in kwistjoni, it-total bil-prezzijiet attwali jammonta għal 3621,3 miljun euro."

DIKJARAZZJONI 139/06

Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li kwalunkwe allegazzjoni (messaġġ jew rappreżentazzjoni mhux obligatorju/a fir-rigward tal-liġi Komunitarja jew nazzjonali, inkluża rappreżentazzjoni taħt forma ta' filmati, elementi grafiċi jew simboli) marbuta maż-żieda ta' vitamini u ta' minerali, bħal "b'livell...", "...integrat mill-ġdid", "...miżjuda", "arrikkit..." għandha tiġi kkunsidrata bħala li għandha l-istess tifsira għall-konsumaturi bħall-indikazzjoni "sors ta'..." kif definita fl-Anness għar-Regolament dwar l-indikazzjonijiet dwar in-nutrimenti u s-saħħa magħmula fuq l-ikel."

DIKJARAZZJONI 140/06

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

"Fil-qafas ta' l-Artikolu 4 dwar "Restrizzjonijiet fuq iż-żieda ta' vitamini u ta' minerali" (it-tieni inċiż), il-Kummissjoni ser teżamina ż-żieda possibbli ta' kategoriji oħra ta' l-ikel bħal dik tal-ħlewwiet."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

"Fil-qafas tar-riflessjoni tagħha dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE dwar it-tikkettar dwar in-nutrimient tal-prodotti ta' l-ikel, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni tikkunsidra l-elementi li ġejjin fir-rigward ta' vitamini u minerali:

- ir-reviżjoni/l-aġġornar tal-valuri ta' referenza inklużi fl-Anness għad-Direttiva 90/496/KEE u l-kwantitajiet li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala ammonti sinifikanti,
- l-istabbiliment ta' livell ta' tolleranza li jikkorrispondi għal varjazzjoni aċċettabbli fir-rigward tal-valur ta' vitamini u minerali miżjuda iddikjarat fuq it-tikketta dwar in-nutrimient.

Kwalunkwe modifika għall-elementi obbligatorji ta' tikkettar dwar in-nutrimient li tista' tiġi adottata fil-qafas tar-reviżjoni futura tad-Direttiva dwar tikkettar dwar in-nutrimient għandha tkun indikata fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament dwar iż-żieda ta' vitamini, minerali u ta' ċerti sustanzi oħra ma' l-ikel.

Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni tippreżenta, malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ fi żmien sentejn wara l-adozzjoni tar-Regolament, proposta għall-istabbiliment ta' ammonti massimi u minimi ta' vitamini u minerali kif ukoll il-kondizzjonijiet kollha għaż-żieda tagħhom ma' l-ikel kif imsemmi fl-Artikolu 6(2)."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni tikkonferma li indikazzjonijiet ta' tikkettar kumplementari, maħsuba biex jiġbdu l-attenzjoni ta' kategoriji partikolari ta' konsumaturi dwar ir-riskji speċifiċi li ċerti sustanzi jistgħu jippreżentaw għal saħħithom, jistgħu jkunu maħsuba bħala kondizzjoni meta jiġu stabbiliti l-livelli massimi għal ċerti sustanzi msemija fl-Anness I, jekk dawn l-indikazzjonijiet huma ġustifikati għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika."

Dikjarazzjoni ta' l-Isvezja

"L-Isvezja tappoġġa l-pożizzjoni komuni dwar ir-Regolament li jikkonċerna ż-żieda ta' vitamini, minerali u ta' ċerti sustanzi oħra ma' l-ikel.

Il-lista tal-kategoriji ta' l-ikel li għalih iż-żieda ta' sustanzi mhix permessa tista' tiġi miżjuda aktar 'il quddiem, iżda l-Isvezja tqis li xi kategoriji ġodda jistgħu diġà jiġu inklużi. Din tikkonċerna l-aktar il-kategorija tal-ħlewwiet. Aħna ta' l-opinjoni li ż-żieda tas-sustanzi m'għandhiex tiġi mifruxa għall-gruppi ta' prodotti li l-valur nutrittiv tagħhom hu baxx jew ineżistenti u lanqas, per eżempju, għal ikel b'kontenut għoli ta' xaħmijiet u zokkor.

B'kont meħud tal-problemi dejjem akbar li jġibu magħhom l-obeżità u l-mard marbut ma' l-alimentazzjoni, jaqbel li jiġu meqjusa l-kwistjonijiet alimentari u sanitarji fl-armonizzazzjoni tar-regoli relattivi għaż-żieda ta' sustanzi ma' l-ikel fi ħdan l-UE.

Il-fatt li t-tfal jikkunsmaw kwantitajiet kbar ta' ħlewwiet u d-diffikultà biex tiġi limitata l-aċċessibilità għalihom huma raġunijiet supplementari biex ma tiġix permessa ż-żieda ta' sustanzi fil-ħlewwiet. Barra minn hekk il-konsumaturi jistgħu jiġu mqarrqa b'indikazzjonijiet li jgħeghluhom jaħsbu li xi prodotti bħall-ħlewwiet huma tajbin għas-saħħa grazzi għal dawn iż-żidiet.

L-Isvezja bi ħsiebha tivverifika li l-armonizzazzjoni tas-suq intern issir b'kont meħud tas-sigurtà u s-saħħa pubblika. Jaqbel li jiġu stabbiliti prinċipji li jiżguraw ir-rispett tal-bżonnijiet tal-konsumatur fir-rigward ta' prodotti siguri u li ma jfixkluhx. Għalhekk l-Isvezja ser tkompli tiddefendi din l-orjentazzjoni fil-qafas tat-tkomplija tal-ħidma fir-rigward tal-proposta dwar iż-żieda ta' vitamini u sustanzi minerali."

DIKJARAZZJONI 144/06

Dikjarazzjoni ta' Franza

ad Artikolu 4

"Sabiex jiġi evitat it-tqegħid fis-suq ta' ikel li fih vetturi ħżiena għat-tiġih f'vitamini u minerali, id-delegazzjoni Franċiża tissottolinja l-importanza li tagħti lill-prinċipju ta' l-istabbiliment ta' profili ta' nutriment fil-qafas tar-Regolament dwar indikazzjonijiet dwar in-nutriment u s-saħħa. Barra minn hekk, hija tfakkar fl-interess kbir tagħha f'informazzjoni kompleta u preċiża għall-konsumatur u tixtieq li din il-kwistjoni tiġi eżaminata mill-ġdid, bħala prijorità, waqt ir-reviżjoni ta' l-anness għar-Regolament dwar indikazzjonijiet dwar is-saħħa. Fl-aħħar, hija tfakkar fl-interess kbir li għandha fir-reviżjoni tad-Direttiva 90/496/KE dwar it-tikkettar dwar in-nutriment, li l-Kummissjoni impenjat ruħha li tibda dalwaqt.

L-oġettiv tad-delegazzjoni tagħna huwa li, permezz ta' dawn id-diversi dispożizzjonijiet, il-konsumaturi jkunu jistgħu jiġi informati b'mod sħiħ dwar il-kompożizzjoni u l-valur ta' nutriment ta' l-ikel."

DIKJARAZZJONI 145/06

Dikjarazzjoni ta' Franza

ad Kapitolu III

"Id-delegazzjoni Franċiża tista' taqbel dwar il-Kapitolu III dwar iż-żieda ta' sustanzi oħra bil-kondizzjoni li s-sitwazzjoni tagħhom tiġi evalwata fir-rapport tal-Kummissjoni previst fl-Artikolu 16. Madankollu hija żżomm il-possibbiltà, fil-każ ta' bżonn, li titlob lill-Kummissjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 (2), biex tiegħu deċiżjoni biex tikklassifika waħda jew diversi minn dawn is-sustanzi fil-parti A jew B ta' l-Anness III."

DIKJARAZZJONI 146/06

Dikjarazzjoni ta' Franza

ad Anness I

Id-delegazzjoni Franċiża tindika li l-qbil tagħha fuq l-Anness I ma jippreġudikax il-pożizzjoni futura tagħha dwar il-kwantitajiet massimi, b'mod partikolari fir-rigward tal-vitamina K u l-fluworin."

DIKJARAZZJONI 147/06

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Il-Kunsill jagħraf li t-tfal saru mira importanti għar-rikamar, b'mod partikolari fis-settur ta' l-ikel.

Huwa jinnota li, skond id-Direttiva dwar il-Prattiċi Kummerċjali Inġusti li ġiet adottata riċentement, l-inklużjoni friklam ta' "eżortazzjoni diretta lit-tfal biex jixtru prodotti reklamati jew biex jipperswadu lill-ġenituri tagħhom jew lil adulti oħra biex jixtrulhom il-prodotti reklamati" hija kkunsidrata bħala Prattika li għandha f'kull ċirkostanza tkun meqjusa bħala inġusta.

Barra minn hekk, il-Kunsill stieden lill-Istati Membri u, jekk ikun hemm bżonn, lill-Kummissjoni¹ biex ifasslu u jimplimentaw inizzjattivi bl-għan li jippromwovu alimentazzjoni sana u l-attività fiżika u b'mod partikolari jiżguraw li l-konsumaturi ma jiġux imqarrqa mir-reklamar, l-attivitajiet ta' *marketing* u ta' promozzjoni, u li b'mod partikolari, ma tiġix sfruttata l-kredulità tat-tfal u l-esperjenza limitata tagħhom tal-medja.

B'konsiderazzjoni ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina, fil-qafas tar-Rapport ta' evalwazzjoni li għandu jkun sottomess skond l-Artikolu 27, l-effetti li l-indikazzjonijiet ta' nutriment u saħħa jista' jkollhom fuq it-tfal, flimkien ma' proposti xierqa, jekk ikun meħtieġ.

¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Obeżità, in-Nutrizzjoni u l-Attività Fiżika, adottati fit-3 ta' Ġunju 2005 (dok. 9803/05).

DIKJARAZZJONI 148/06

Dikjarazzjoni mill-Kunsill

"Il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni talbet lill-Awtorità għal opinjoni dwar l-indikazzjonijiet "sors ta' aċidu mxaħħam omega-3", "b'kontenut għoli ta' aċidu mxaħħam omega-3", "b'kontenut għoli ta' xaħmijiet mhux saturati", "b'kontenut għoli ta' xaħmijiet mono saturati" u "kontenut għoli ta' xaħmijiet poli mhux saturati".

Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tieġu l-passi meħtieġa kemm jista' jkun malajr, ladarba l-opinjoni ssir disponibbli, sabiex temenda l-Anness għar-Regolament kif xieraq.

Barra minn hekk, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra emendi għall-Anness fir-rigward tal-kondizzjonijiet speċifiċi applikabbli għal-laħam "b'kontenut baxx ta' xaħam".

DIKJARAZZJONI 149/06

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni tfakkar li l-istandards u s-speċifikazzjonijiet nazzjonali fil-qasam ta' indikazzjonijiet dwar effetti mhux benefiċċjarji jridu jiġu notifikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra skond id-Direttiva 98/34/KE. B'konformità mat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikoli 28-30, il-Kummissjoni ser tagħti attenzjoni partikolari biex tiżgura li dawn l-istandards u speċifikazzjonijiet ma jintroduċux ostakoli *de jure* jew *de facto* għall-kummerċ Komunitarju ta' prodotti ta' l-ikel."

DIKJARAZZJONI 150/06

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Fuq talba tal-Kunsill il-Kummissjoni taqbel li, fil-qafas ta' l-emendi għall-Anness, teżamina formulazzjonijiet li jippermettu definizzjoni aħjar ta' l-indikazzjonijiet "sors ta' [isem tal-vitami] u/jew [isem tal-minerali]".

DIKJARAZZJONI 151/06

Dikjarazzjoni tar-Renju Unit

"Wagt li fakkar li kien ikkontesta darbtejn l-użu ta' l-Artikolu 95 KE bħala bażi legali, ir-Renju Unit jirreġistra n-nuqqas ta' qbil tiegħu dwar l-użu ta' l-Artikolu 95 KE bħala l-bażi legali adatta għal din il-miżura. Huwa jemmen li minflok imissu ġie wżat l-Artikolu 308 KE."

DIKJARAZZJONI 152/06

Dikjarazzjoni tar-Renju Unit

"Ir-Renju Unit għandu skema li tinkoraġġixxi l-konsum ta' ħames porzjonijiet ta' frott u ħxejjex kuljum. Ir-Renju Unit jikkonsidra li messaġġi sempliċi relatati ma' kampanji ta' din il-kwalità minn awtoritajiet pubbliċi biex jinkoraġġixxu alimentazzjoni sana bbażata fuq ikel partikolari, per eżempju r-rakkomandazzjoni li wieheġ jiekol numru speċifiku ta' porzjonijiet ta' frott u ħxejjex kuljum, huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk m'hemmx lok li dawn il-messaġġi jiżdiedu ma' l-Anness dwar l-indikazzjonijiet ta' nutrizzjoni."

Dikjarazzjoni tar-Renju Unit

"Ir-Renju Unit jemmen bis-sħiħ li dan ir-Regolament irid ikun proporzjonali mal-ħtiġijiet u jibbilanċja l-ħtiġijiet kemm tal-konsumaturi kif ukoll ta' l-impriżi, b'mod partikolari l-impriżi żgħar u medji.

F'dan il-kuntest, il-proposta oriġinali ġiet imtejba matul il-fażi ta' l-ewwel qari. Madankollu, aħna nikkunsidraw li għandhom jittieħdu iżjed opportunitajiet matul l-istadji li jmiss tal-proċedura biex jiġi żgurat li l-ħtiġiet imposti fuq l-impriżi fis-settur ta' l-ikel li qed ifittxu l-awtorizzazzjoni għall-indikazzjonijiet ta' saħħa li huma jużaw ikunu proporzjonali mar-raġunijiet għal tali awtorizzazzjoni.

Ser ikun hemm proċedura relattivament "ħafifa" għal dawk l-indikazzjonijiet ta' saħħa li huma bbażati fuq *data* xjentifika ġeneralment aċċettata, iżda t-tieni proċedura ta' awtorizzazzjoni prevista fir-Regolament propost tinvolvi s-sottomissjoni ta' applikazzjoniji dettaljata lill-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel. Dan huwa kompletament ġustifikat fil-każ ta' indikazzjonijiet dwar it-tnaqqis ta' riskju ta' xi marda. Madankollu, għal tipi oħra ta' indikazzjonijiet ta' saħħa aħna naħsbu li ser ikun meħtieġ li tiġi eżaminata mill-ġdid lejn l-impatt li l-proċedura ta' talba dettaljata jista' jkollha fuq l-impriżi, speċjalment l-impriżi żgħar, u li jiġi kkunsidrat jekk hemmx alternattivi iżjed proporzjonali."

DIKJARAZZJONI 154/06

Dikjarazzjoni ta' l-Italja

"Id-delegazzjoni Taljana tikkonsidra li l-proposta għal Regolament għandha tiegħu kont tal-pożizzjonijiet adottati mill-Komunità fi ħdan il-Codex Alimentarius. B'mod partikolari, l-indikazzjonijiet ta' nutrizzjoni mniżżla fl-Anness għall-proposta għandhom, fejn possibbli, ikunu konformi ma' l-istandards rilevanti tal-Codex Alimentarius, li għandu jkun obbligatorju għall-adozzjoni jew l-emenda ta' deċiżjonijiet Komunitarji analogi."

DIKJARAZZJONI 155/06

Dikjarazzjoni konġunta ta' l-Irlanda, id-Danimarka, l-Olanda u s-Svezja

"L-Irlanda, id-Danimarka, l-Olanda u s-Svezja jiddispijaci hom li d-deroga prevista fl-Artikolu 4 tar-Regolament dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel ser tippermetti li ssir indikazzjoni ta' nutrizzjoni fuq prodott ta' l-ikel, anki meta l-profil nutrittiv ikun inqabeż.

L-Irlanda, l-Olanda, id-Danimarka u l-Isvezja jemmnu li l-produtturi ta' l-ikel m'għandhomx jingħataw il-permess jagħmlu indikazzjoni dwar is-saħħa jew in-nutrizzjoni fuq imballaġġ li għandhom l-effett li jaħbu l-valur nutrittiv reali tal-prodott. L-iskop ta' indikazzjonijiet għandu jkun li l-konsumaturi jkunu mgħejjuna biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar id-dieta tagħhom. Fil-kuntest ta' l-isfidi attwali relatati ma' l-obeżità huwa importanti li l-indikazzjonijiet kollha dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa għandhom jiġu ppreżentati b'mod ċar u mhux ambigwu u għandhom ikunu mfassla biex jgħinu lill-konsumaturi biex jagħmlu għażliet tajbin għas-saħħa u mhux biex iqarrqu bihom."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

"Qabel il-preżentazzjoni uffiċjali tad-dokumenti ta' strateġija u tal-programmi indikattivi pluriennali għall-perijodu 2007-2010, il-Kummissjoni ser tinforma lill-kumitat dwar l-applikazzjoni tal-kriterji l-ġodda, b'mod partikolari fir-rigward tal-progress li sar fil-kisba ta' l-oġettivi stabbiliti, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġestjoni tajba tal-kwistjonijiet pubbliċi u ta' riforma, u r-risultati tagħhom f'termini ta' finanzjament.

L-istess informazzjoni ser tkun komunikata f'nofs it-terminu għall-perijodu 2011-2013.

Biex jiġu determinati l-allokazzjonijiet li għandhom jiġu attribwiti lil kull pajjiż fil-qafas tad-dokumenti ta' strateġija nazzjonali u tal-programmi indikattivi pluriennali, il-Kummissjoni ser tiffoka fuq il-livell ta' għajnuna mgħoddija lill-pajjiżi u r-reġjuni benefiċjarji taħt il-perspettivi finanzjarji attwali. Ser jittieħed kont dovut tad-disponibbiltà ta' dawn il-pajjiżi li jidentifikaw u jimplimentaw l-oġettivi stabbiliti ma' l-Unjoni, u l-finanzjament futur jiżdied b'mod adegwat għaldaqstant.

Id-dokumenti ta' strateġija ser jieħdu kont dovut ukoll tal-linji politiċi reġjonali eżistenti, tal-prijoritajiet tagħhom u ta' l-impenji meħuda f'dan l-ambitu.

Fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali, il-Kummissjoni ser ttipprovdi, fid-distribuzzjoni tal-baġit annwali ta' l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija, iċ-ċifri tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien tal-Lvant ta' l-UE, kif ukoll dawk tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien tan-Nofsinhar ta' l-UE."

DIKJARAZZJONI 157/06

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

"Waqt l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni timpenja ruħha li tikkoopera mill-qib mas-CCNR, f'dak li jirrigwarda kemm l-adattament ta' l-annessi kif ukoll l-applikazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri, u li tiegħu kont ta' l-inizjattivi kollha meħuda mis-CCNR f'dan ir-rigward."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

"Minħabba r-riskji ta' sustanzi karċinoġeni, mutaġeni u tossiċi għar-riproduzzjoni, il-Kummissjoni ser titlob lill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem ta' l-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini biex ifassal opinjoni dwar l-użu ta' dawn il-kategoriji ta' sustanzi bħala eċċipjenti ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, abbażi ta' l-Artikoli 5(3) u ta' l-Artikolu 57(1)(p) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-31 ta' Marzu 2004, li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Mediċini.

Il-Kummissjoni ser tibgħat lill-Parlament u lill-Kunsill l-opinjoni formulata mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem.

Fi żmien sitt xhur mill-formulazzjoni ta' l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem, il-Kummissjoni ser tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kull azzjoni meħtieġa li hi tipprevedi li tiegħu biex jiġi żgurat is-segwitu għal din l-opinjoni."

DIKJARAZZJONI 159/06

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

"Il-Kunsill jiddikjara li l-finanzjament previst fl-Artikolu 40 għandu jkun kompatibbli mal-perspettivi finanzjarji fis-seħħ għall-perijodu li jibda fl-2007."

DIKJARAZZJONI 160/06

Dikjarazzjoni tal-Kunsill

"Il-Kunsill jiddikjara li ser ikun hemm l-opportunità li jiġi studjat kif jista' jiġi limitat id-dewmien totali għall-ipproċessar ta' applikazzjoni meta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Pedjatriku jiġu stabbiliti."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Gyrodactylus tas-salamun

"Il-Kummissjoni bi ħsieba tikkontribwixxi għall-protezzjoni futura ta' l-istokkijiet suxxettibbli tas-salamun ta' l-Atlantiku fl-ilma ħelu, skond id-Direttiva "Abitat" 92/43/KEE, kontra t-theddida tal-*Gyrodactylus salaris*. Dan huwa possibbli bis-saħħa ta' l-Artikolu 43 tad-Direttiva proposta, li jista' jintuża bħala bażi legali biex jiġu trasferiti lejn id-Direttiva l-ġdida l-miżuri attwali stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/453/KE.

Il-Kummissjoni bi ħsieba tippreżenta proposta lill-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali, biex jinżammu l-garanziji attwali tal-*G. salaris* stabbiliti fid-Deċiżjoni 2004/453/KE, skond l-Artikolu 63(3)."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Viremja tar-Rebbiegħa tal-Karpjun

"Il-Kummissjoni tirrikonoxxi t-tħassib imqajjem minn diversi Stati Membri produttori tal-karpjun, dwar il-konsegwenzi jekk il-viremja tar-rebbiegħa tal-karpjun (SVC) tiġi soġġetta għal dispożizzjonijiet Komunitarji armonizzati. Wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva iżda qabel id-data ta' l-applikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni ser tagħmel valutazzjoni mill-ġdid, fuq talba u abbażi ta' l-argumenti ppreżentati, dwar jekk l-SVC għandhiex tkun inkluża fil-Parti II ta' l-Anness IV għall-abbozz tad-Direttiva. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni tista', jekk ikun meħtieġ, tissottometti abbozz ta' modifika ta' dak l-Anness tad-Direttiva lill-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali, skond l-Artikolu 61(2) ta' l-abbozz tad-Direttiva, u abbozz ta' proposta lill-Kunsill għal emenda possibbli tad-Deċiżjoni 90/424/KEE fir-rigward tal-fatt li miżuri kontra mard soġġett għad-dispożizzjonijiet Komunitarji armonizzati biss huma eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond Ewropew għas-Sajd (FES)."

DIKJARAZZJONI 163/06

Dikjarazzjoni tal-Ministru tar-Renju Unit

"Ir-Renju Unit jisgħobih li ma kienx possibbli li jintlaħaq ftehim biex tiddaħħal referenza speċifika, fid-dokument 11870/06, dwar l-importanza li l-Komunità tagħti għall-ġlieda kontra l-*Gyrodactylus salaris* biex jiġu protetti l-istokkijiet ta' salamun Atlantiku salvaġġ, speċji li hija suxxettibbli għal din il-parassita. Ir-Renju Unit madankollu jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li tidher fid-dokument 11872/06 ADD 1, dwar l-intenzjoni tagħha li tikkontribwixxi għall-protezzjoni futura tas-salamun Atlantiku permezz ta' l-Artikolu 43 tad-Direttiva l-ġdida u, b'mod partikolari, ta' l-intenzjoni tagħha biex tippreżenta proposta lill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali dwar il-preżervazzjoni tal-garanziji attwali tal-*G. salaris* stabbiliti bid-Deċiżjoni 2004/453/KE."

OTTUBRU 2006	
ATTI OĦRA	Votazzjonijiet magħmula pubbliċi
L-2752 laqgħa tal-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fil-5 u s-6 ta' Ottubru 2006 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Komunità għall-Konferenza ta' l-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat Dok. 7591/06 + COR 1 (de) + COR 2 (fi) Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi dazju ta' anti-dumping definittiv u l-ġbir b'mod definittiv tad-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti żraben bil-partijiet ta' fuq tal-ġilda li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Vjetnam Dok. 12516/1/06 REV 1 Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill li testendi l-validità tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2004/694/PESK dwar miżuri ulterjuri b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY) Dok. 12584/06 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji dwar il-koeżjoni Dokumenti 11807/06 + REV 2 (hu) + REV 3 (nl) + REV 4 (cs) + REV 5 (fr) + REV 6 (pl) + REV 7 (de), 13069/1/06 REV 1 Regolament tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros Dok. 12506/1/06 REV 1 Regolament tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles Dok. 12505/1/06 REV 1	Astensjoni: Renju Unit

OTTUBRU 2006

ATTI OĦRA	Votazzjonijiet magħmula pubbliċi
L-2753 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fl-10 ta' Ottubru 2006 Regolament tal-Kunsill li jneħħi d-dazju kontra d-<i>dumping</i> fuq importazzjonijiet ta' fibri sintetiċi prinċipali ta' poliesteri li joriġinaw fl-Awstralja, fl-Indja, fl-Indoneżja u fit-Tajlandja u li jtemm il-proċedimenti fir-rigward ta' dawn l-importazzjonijiet, wara reviżjonijiet ta' skadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, u li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali skond l-Artikolu 11(3) ta' dawn l-importazzjonijiet li joriġinaw fit-Tajlandja Dok. 12700/06 Regolament tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri rigward l-estensjoni tal-protokoll li jiffissa l-opportunitajietas-sajd u l-kumpens finanzjarju previst fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Ginea-Bissaw dwar is-sajd barra mill-Ginea-Bissaw għall-perijodu bejn s-16 ta' Ġunju 2006 u s-15 ta' Ġunju 2007 Dok. 10455/06 Opinjon tal-Kunsill dwar il-programm ta' konverġenza aġġornat ta' l-Ungerija Dok. 13763/06 L-2754 laqgħa tal-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) fit-12 ta' Ottubru 2006 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem il-Komunità, tal-Protokoll dwar l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Alpina fil-qasam tat-Trasport (Protokoll tat-Trasport) Dok. 9229/1/06 REV 1	Kontra: il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Ġreċja, Spanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Polonja Astensjoni: Il-Portugall

OTTUBRU 2006	
ATTI OĦRA	Votazzjonijiet magħmula pubbliċi
L-2755 laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) fis-16 u s-17 ta' Ottubru 2006 - Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' <i>data</i> tar-reġistru ta' l-ismijiet tal-passiġġieri (PNR), minn trasportaturi bl-ajru lid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna ta' l-Istati Uniti Dok. 13216/06 + COR 1 (fi) - Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' <i>data</i> tar-reġistru ta' l-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna ta' l-Istati Uniti Dok. 13226/06 + COR 1 (fi) - Ittra lill-Presidenza tal-Kunsill u lill-Kummissjoni mid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna (DHS) ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, dwar l-interpretazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' l-impenji maħruġa mid-DHS fil-11 ta' Mejju 2004, fir-rigward tat-trasferiment ta' <i>data</i> tar-reġistru ta' l-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru Dok. 13738/06 + REV 1 (fi) - Tweġiba mill-Presidenza tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għall-ittra tal-Ministeru Amerikan għas-Sigurtà Interna (Department of Homeland Security) ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika Dok. 13835/06 Regolament tal-Kunsill li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 7/2005 li jadotta miżuri awtonomi u transitorji għall-ftuħ ta' kwota tariffarja Komunitarja għal ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw fl-Isvizzera Dok. 11115/06 Deċiżjoni tal-Kunsill li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2005/557/PESK dwar l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea lill-missjoni ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun tad-Darfur fis-Sudan Dok. 13528/06	

OTTUBRU 2006	
ATTI OĦRA	Votazzjonijiet magħmula pubbliċi
Azzjoni Konġunta tal-Kunsill li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/190/PESK dwar il-Missjoni Integrata ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX Dok. 13171/06 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar fisem il-Komunità ta' Protokoll għall-Ftehim Ewropew li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali (PECA) Dok. 12866/06 + COR 1 (en) + COR 2 + COR 3 + COR 4 (en) L-2757 laqgħa tal-Kunsill (Ambjent) fit-23 ta' Ottubru 2006 Regolament tal-Kunsill dwar ċerti proċeduri sabiex jiġi applikat il-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, fuq in-naħa l-oħra, u sabiex jiġi applikat il-Ftehim Interim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija Dok. 11734/06 Regolament tal-Kunsill li jimponi dazju ta' <i>anti-dumping</i> definittiv fuq importazzjonijiet ta' etanolamini li joriġinaw fl-Istati Uniti ta' l-Amerika Dok. 13393/06 Deċiżjoni tal-Kunsill li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Belarus Dok. 13348/06	

OTTUBRU 2006	
ATTI OĦRA	Votazzjonijiet magħmula pubbliċi
• Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Urugwaj Dok. 13193/06 • Regolament tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Urugwaj skond l-Artikolu XXIV.6 tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994, li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni Dok. 13195/06 + COR 1 (en) Proċedura bil-miktub ikkompletata fit-23 ta' Ottubru 2006 Pożizzjoni Komuni adottata mill-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp Dok. 11944/06 + COR 1 + ADD 1	